ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 305

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

15 ta' Ottubru 2011

Avviż Nru | Werrej | Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2011/C 305/01 L-Aħħar Pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ĠU C 298, 8.10.2011 ... 1

**Il-Qorti Ġenerali**

2011/C 305/02 Ħatra tar-Reġistratur ... 2

2011/C 305/03 Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli ... 2

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2011/C 305/04 Kawża C-387/11: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju ... 4

2011/C 305/05 Kawża C-391/11: Rikors ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju ... 4

MT

**Prezz:**
**3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

## Il-Qorti Ġenerali

2011/C 305/06 Kawża T-524/09: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta’ Settembru 2011 — Meredith vs UASI (BETTER HOMES AND GARDENS) (“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BETTER HOMES AND GARDENS — Raġuni assoluta għal rifjut — Rifjut parzjali ta’ reġistrazzjoni mill-eżaminatur — Nuqqas ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”) . . . 6

2011/C 305/07 Kawża T-525/09: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta’ Settembru 2011 — MIP Metro vs UASI — Metronia (METRONIA) (“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva METRONIA — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti METRO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”) . . . 6

2011/C 305/08 Kawża T-452/11: Rikors ippreżentat fit-8 ta’ Awissu 2011 — Western Digital u Western Digital Ireland vs Il-Kummissjoni . . . 6

2011/C 305/09 Kawża T-459/11: Rikors ippreżentat fid-29 ta’ Lulju 2009 — Barloworld vs Il-Kummissjoni . . . 7

2011/C 305/10 Kawża T-465/11: Rikors ippreżentat fis-26 ta’ Awwissu 2011 — Globula vs Il-Kummissjoni . . . 8

2011/C 305/11 Kawża T-471/11: Rikors ippreżentat fil-5 ta’ Settembru 2011 — Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni 9

2011/C 305/12 Kawża T-177/11: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta’ Awwissu 2011 — PASP et vs Il-Kunsill . . . 10

## It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

2011/C 305/13 Kawża F-75/11: Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Lulju 2011 — ZZ vs Il-Kunsill . . . 11

MT

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

(2011/C 305/01)

**L-Aħħar Pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

ĠU C 298, 8.10.2011

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 282, 1.10.2011

ĠU C 282, 24.9.2011

ĠU C 269, 10.9.2011

ĠU C 252, 27.8.2011

ĠU C 238, 13.8.2011

ĠU C 232, 6.8.2011

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

# IL-QORTI ĠENERALI

## Ħatra tar-Reġistratur

(2011/C 305/02)

Il-mandat ta' Emmanuel Coulon, Reġistratur tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skada fil-5 ta' Ottubru 2011.

Il-Qorti Ġenerali, fil-laqgħa plenarja tagħha tat-13 ta' April 2011, iddeċidiet li ġġedded il-mandat ta' Emmanuel Coulon, skont l-Artikoli 20 u 7(3) tar-Regoli tal-Proċedura, għall-perijodu li jmur mis-6 ta' Ottubru 2011 sal-5 ta' Ottubru 2017 inkluż.

---

## Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli

(2011/C 305/03)

Fl-20 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, wara li l-Imħallef M. Kancheva assumiet il-kariga, dwar l-assenjazzjoni tagħha lill-awli u dwar il-proroga tal-assenjazzjoni tal-Imħallfin l-oħra sal-31 ta' Awwissu 2013.

Id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2010 dwar l-assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli, kif emendata bid-Deċiżjonijiet tas-26 ta' Ottubru 2010 (1) u tad-29 ta' Novembru 2010 (2), hija għalhekk emendata kif ġej:

"Għall-perijodu bejn l-20 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Awwissu 2013, l-assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli hija kif ġej:

***L-Ewwel Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

J. Azizi, President tal-Awla, E. Cremona, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen u D. Gratsias, Imħallfin.

***L-Ewwel Awla, komposta minn tliet Imħallfin***:

J. Azizi, President tal-Awla;

E. Cremona, Imħallef;

S. Frimodt Nielsen, Imħallef.

***It-Tieni Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

N.J Forwood, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek, J. Schwarcz, A. Popescu u M. Kancheva, Imħallfin.

***It-Tieni Awla, komposta minn tliet Imħallfin***:

N.J Forwood, President tal-Awla;

a) F. Dehousse u A. Popescu, Imħallfin;

b) F. Dehousse u J. Schwarcz, Imħallfin;

ċ) J. Schwarcz u A. Popescu, Imħallfin.

***It-Tielet Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

O. Czúcz, President tal-Awla, E. Cremona, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen u D. Gratsias, Imħallfin.

***It-Tielet Awla, komposta minn tliet Imħallfin***:

O. Czúcz, President tal-Awla;

I. Labucka, Imħallef.

(1) ĠU C 317 tal-20.11.2010, p. 5
(2) ĠU C 346 tat-18.12.2010, p. 2

D. Gratsias, Imħallef

***Ir-Raba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

I. Pelikánová, President tal-Awla, V. Vadapalas, K. Jürimäe, K. O'Higgins u M. van der Woude, Imħallfin.

***Ir-Raba' Awla, komposta minn tliet Imħallfin***:

I. Pelikánová, President tal-Awla;

K. Jürimäe, Imħallef;

M. van der Woude, Imħallef.

***Il-Ħames Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

S. Papasavvas, President tal-Awla, V. Vadapalas, K. Jürimäe, K. O'Higgins u M. van der Woude, Imħallfin.

***Il-Ħames Awla, komposta minn tliet Imħallfin***:

S. Papasavvas, President tal-Awla;

V. Vadapalas, Imħallef;

K. O'Higgins, Imħallef.

***Is-Sitt Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

E. Moavero Milanesi, President tal-Awla, M.E Martins Ribeiro, N. Wahl, S. Soldevila Fragoso u H. Kanninen, Imħallfin.

***Is-Sitt Awla, komposta minn tliet Imħallfin***:

E. Moavero Milanesi, President tal-Awla;

N. Wahl, Imħallef;

S. Soldevila Fragoso, Imħallef.

***Is-Seba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

A. Dittrich, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek, J. Schwarcz, A. Popescu u M. Kancheva, Imħallfin.

***Is-Seba' Awla, komposta minn tliet Imħallfin***:

A. Dittrich, President tal-Awla;

a) I. Wiszniewska-Białecka u M. Prek, Imħallfin;

b) I. Wiszniewska-Białecka u M. Kancheva, Imħallfin

ċ) M. Prek u M. Kancheva, Imħallfin.

***It-Tmien Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin***:

L. Truchot, President tal-Awla, M.E Martins Ribeiro, N. Wahl, S. Soldevila Fragoso u M. Kanninen, Imħallfin

***It-Tmien Awla Estiża, komposta minn tliet Imħallfin***:

L. Truchot, President tal-Awla;

M.E Martins Ribeiro, Imħallef;

M. Kanninen, Imħallef

Fit-Tieni u fis-Seba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin, l-Imħallfin li ser jifformaw il-kulleġġ ta' ħames Imħallfin mal-President tal-Awla ser ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tal-kulleġġ inizjalment adit, ir-raba' Imħallef ta' din l-awla u Mħallef tal-awla l-oħra li hija komposta minn erba' Imħallfin. Dan ta' l-aħħar, li ma jistax' ikun il-President ta' Awla, ser jiġi nnominat għal sena skont l-ordni previst fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali."

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

**(Kawża C-387/11)**

(2011/C 305/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Mölls u C. Soulay, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belġju

### Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li, billi żamm fis-seħħ regoli differenti dwar it-taxxa fuq id-dħul kapitali u beni mobbli miġbura minn kumpanniji ta' investiment Belġjani u t-taxxa fuq id-dħul kapitali u beni mobbli miġbura minn kumpanniji ta' investiment barranin, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 49 u 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 31 u 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, il-Kummissjoni tikkritika t-trattament differenti bejn il-kumpanniji ta' investiment residenti u l-kumpanniji ta' investiment li ma humiex residenti fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul kapitali u beni mobbli. B'differenza mal-kumpanniji ta' investiment residenti, il-kumpanniji ta' investiment li ma humiex residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fit-territorju nazzjonali ma għandhomx, fil-fatt, il-possibbiltà li jirkupraw l-ammont imħallas minħabba l-withholding tax fuq it-taxxa fuq id-dħul kapitali u beni mobbli. Din id-diskriminazzjoni hija inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment, peress li għandha l-konsegwenza li trendi inqas attraenti t-twaqqif ta' kumpanniji ta' investiment li ma humiex residenti, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, peress li l-finanzjament ta' kumpannija Belġjana permezz ta' kumpannija ta' investiment barranija huwa ogħla minn finanzjament permezz ta' kumpannija ta' investiment Belġjana.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrifjuta l-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet Belġjani. L-ewwel nett, dawn ma pproduċew l-ebda prova oġġettiva sabiex jiġi konkluż li teżisti differenza bejn is-sitwazzjoni tal-kumpanniji ta' investiment residenti u dik tal-kumpanniji ta' investiment li ma humiex residenti, li hija rilevanti mill-perspettiva tal-istauts fiskali tagħhom. Sussegwentement, is-sistema fiskali inkwistjoni ma għandha l-ebda rabta mat-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati kkonċernati. Fi kwalunkwe każ, Stat Membru ma jistax jinvoka ftehim bilaterali sabiex jevita l-obbligi imposti fuqu mit-Trattat. Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' allegat riskju ta' frodi fiskali min-naħa tal-kumpanniji li ma humiex residenti, l-awtoritajiet Belġjani ma jistgħux jinvokaw ostakoli għall-kontrolli fiskali, li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet adottati mill-Belġju stess, sabiex jiġġustifikaw in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-libertajiet iggarantiti mit-Trattat.

---

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

**(Kawża C-391/11)**

(2011/C 305/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Patakia u A. Marghelis, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belġju

### Talbiet tal-parti rikorrenti

— tikkonstata li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-punti (1) u (3) tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 5(1), (2) u (4) tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Settembru 2000, dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw [1] huma trasposti korrettement, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-direttiva msemmija;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE skada fil-21 ta' April 2002. Issa, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-konvenut kien għadu ma adottax il-miżuri kollha neċessarji sabiex jittrasponi d-direttiva jew, f'kull każ, ma kienx informa b'dan lill-Kummissjoni.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 224.

# IL-QORTI ĠENERALI

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Settembru 2011 — Meredith vs UASI (BETTER HOMES AND GARDENS)

**(Kawża T-524/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BETTER HOMES AND GARDENS — Raġuni assoluta għal rifjut — Rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni mill-eżaminatur — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2011/C 305/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Meredith Corp. (Des Moines, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Furneaux u E. Hardcastle, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Settembru 2009 (Każ R 517/2009-2), dwar talba għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali BETTER HOMES AND GARDENS bħala trade mark Komunitarja

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Meredith Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 51, 27.2.2010.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Settembru 2011 — MIP Metro vs UASI — Metronia (METRONIA)

**(Kawża T-525/09)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva METRONIA — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti METRO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2011/C 305/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali*: Metronia, SA (Madrid, Spanja)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ottubru 2009 (Każ R 1315/2006-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG u Metronia, SA.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *MIP Metro Group Intellectual Property GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 80, 27.3.2010.

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awissu 2011 — Western Digital u Western Digital Ireland vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-452/11)**

(2011/C 305/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti*: Western Digital Corp. (Dover, Delaware, l-Istati Uniti) u Western Digital Ireland, Ltd (Grand Cayman, Cayman Islands) (rappreżentanti: F. González Díaz, avukat, u P. Stuart, Barrister)

*Konvenuta*: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitlobu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tordna lill-konvenuta tipproduċi l-kwestjonarji li hija bagħtet lil terzi matul l-ewwel fażi u t-tieni fażi tal-investigazzjoni tagħha tal-proposta ta' xiri min-naħa ta' Western Digital Corporation ta' Viviti Technologies Ltd. u tal-proposta ta' xiri min-naħa ta' Seagate tan-negozju tal-hard disk drive ta' Samsung Electronics Co. Ltd.

— tordna lill-konvenuta tipprovdi aċċess għall-fajl ta' prenotifika u ta' postnotifika tat-tranżazzjoni Seagate, inkluż, b'mod partikolari, aċċess għall-verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' kull korrispondenza u kitbiet reġistrati ta' kuntatti bejn Seagate, Samsung, u l-Kummissjoni sad-data tan-notifika, u kull komunikazzjonijiet interni fi ħdan il-Kummissjoni – kemm fil-Kawżi Seagate vs Samsung u Western Digital Ireland vs Viviti Technologies – li jikkonċernaw il-prijoritizzazzjoni taż-żewġ tranżazzjonijiet;

— tannulla d-deċiżjoni prijoritarja inkluża fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2011/C 165/04), tat-30 ta' Mejju 2011, fil-Każ COMP/M.6203 – Western Digital Ireland vs Viviti Technologies (ĠU 2011 C 165, p. 3), li tibda t-tieni fażi ta' investigazzjoni fir-rigward tal-konċentrazzjoni nnotifikata, skont l-Artikolu 6(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004 [1]; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq nuqqas ta' setgħat tal-konvenuta li tadotta regola ta' prijorità bbażata fuq id-data tan-notifika ta' konċentrazzjoni.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq żball ta' liġi u ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ekwità u ta' amministrazzjoni tajba min-naħa tal-konvenuta billi:

  — ir-regola ta' prijorità magħżula mill-konvenuta ma għandha l-ebda bażi taħt id-dritt Ewropew, ma ssegwix ġurisprudenza stabbilita, u ma hijiex inerenti fis-sistema ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet;

  — ir-regola ta' prijorità magħżula mill-konvenuta tagħti lok għal riżultati ħżiena; u

  — ir-regola ta' prijorità magħżula mill-Kummissjoni tikser prinċipji ġenerali ta' liġi.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq ksur mill-konvenuta tal-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti li l-proposta ta' xiri min-naħa Western Digital Corporation ta' Viviti Technologies Ltd. tiġi evalwata kontra l-istruttura tas-suq li kienet fis-seħħ meta ġiet iffirmata, imħabbra u nnotifikata minn qabel lill-Kummissjoni.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur mill-konvenuta tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' ekwità, ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni, billi imponiet oneri addizzjonali fuq ir-rikorrenti, u billi ma żvelatx il-fatt li kien hemm tranżazzjoni parallela li taffettwa l-istess swieq rilevanti.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40)

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2009 — Barloworld vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-459/11)**

(2011/C 305/09)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Barloworld International, S.L. (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: F. Alcaraz Gutierrez u A. J. de la Cruz Martínez, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiddikjara li l-Artikolu 12(5) tat-Texto Refundido de la Ley del Impuesto sobre Sociedades ("TRILS") (it-test konsolidat tal-Att dwar it-Taxxa tal-Kumpanniji Spanjol) jinkludi elementi ta' għajnuna mill-Istat irregolata mill-Artikolu 107(1) TFUE u hija nieqsa mill-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE;

— sussidjarjament, skont il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, tannulla l-Artikolu 1(2) u (3) tad-deċiżjoni li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors, sa fejn ma tippermettix li t-tranżazzjonijiet effettwati bejn id-data ta' meta ġiet ippubblikata d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni (il-21 ta' Diċembru 2007) u d-data ta' meta ġiet ippubblikata d-deċiżjoni kkontestata (il-21 ta' Mejju 2011), ikomplu japplikaw it-tnaqqis fiskali taħt l-Artikolu 12(5) TRLIS matul il-perijodu kollu ta' amortizzazzjoni;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 1(4) u (5) tad-deċiżjoni li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors, sa fejn il-fatt li tiġi stabbilita skema abbażi tal-allegata ineżistenza ta' ostakoli legali għal kummerċ transkonfinali huwa nieqes minn motivazzjoni, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn l-Artikolu 12(5) TRLIS ma jissodisfax ir-rekwiżiti sabiex jiġi kkunsidrat għajnuna mill-Istat.

— L-Artikolu 12(5) TRLIS, ikkunsidrat fis-sistema sħiħa tat-taxxa Spanjola, ma jikkostitwix vantaġġ ekonomiku għall-iskop tal-Artikolu 107(1) TFUE. Min-naħa l-oħra, il-miżura inkwistjoni hija ta' natura ġenerali, għaliex ma jistax jiġi konkluż li fil-fatt hija selettiva, skont it-termini rrikonoxxuti mid-duttrina tal-Kummissjoni stess u mill-ġurisprudenza Komunitarja.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq in-nuqqas totali ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontesta.

— Id-deċiżjoni hija nieqsa mill-motivazzjoni mitluba mill-Artikolu 296 TFUE, sa fejn il-Kummissjoni ma eżaminatx bir-reqqa u b'mod imparzjali il-kwistjonijiet kollha relevanti, u lanqas ma mmotivat suffiċjentement il-konklużjonijiet ta' din id-deċiżjoni. Konkretament, jattira l-attenzjoni n-nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-analiżi jekk hemmx jew le ostakoli legali għall-amalgamazzjonijiet transkonfinali bejn impriżi.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-kompatibbiltà tal-miżura mal-Artikolu 107(3) TFUE.

— L-amortizzazzjoni tal-avvjament finanzjarju għandha l-għan, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fiskali fil-livell tal-Unjoni, li tneħħi l-ostakoli għall-investiment transkonfinali, peress li tneħħi l-effett negattiv ta' ostakoli għall-amalgamazzjonijiet transkonfinali ta' impriżi u tqarreb it-trattament fiskali tal-amalgamazzjonijiet transkonfinali ta' impriżi mat-trattament mogħti lil impriżi nazzjonali, li jiżgura li d-deċiżjonijiet adottati f'dak li jikkonċerna dawn it-tranżazzjonijiet ma jkunux ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet fiskali, iżda fuq kunsiderazzjonijiet purament ekonomiċi.

(4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-iskema tranżitorja li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għandha tiġi applikata sad-data ta' meta ġiet ippubblikata d-deċiżjoni fil-ĠUUE, jiġifieri l-21 ta' Mejju 2011.

— Id-deċiżjoni dwar akkwiżizzjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea nżammet sa ma tittieħed deċiżjoni, li kienet issemmiet espliċitament fl-ewwel deċiżjoni, dwar akkwiżizzjonijiet ġewwa l-Unjoni Ewropea peress li, barra l-Unjoni, jista' jkun għad hemm ostakoli legali għal amalgamazzjonijiet transkonfinali ta' impriżi li jistgħu jpoġġu dawn it-tranżazzjonijiet f'sitwazzjoni legali u fattwali differenti minn dik ta' tranżazzjonijiet ġewwa l-Unjoni. Għalhekk, l-ewwel deċiżjoni wasslet ċerti impriżi sabiex ikollhom aspettattivi leġittimi dwar il-leġiżlazzjoni Spanjola, speċjalment fid-dawl tal-konoxxenza li, fil-parti l-kbira tal-ġurisdizzjonijiet, huwa fil-fatt impossibbli li jsiru amalgamazzjonijiett transkonfinali ta' impriżi barra mill-Unjoni Ewropea.

---

## Rikors ippreżentat fis-26 ta' Awwissu 2011 — Globula vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-465/11)**

(2011/C 305/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Globula a.s. (Hodonín, ir-Republika Ċeka) (rappreżentanti: M. Petite, D. Paemen, A. Tomtsis, D. Koláček u P. Zákoucký, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Ġunju 2011, li tordna lir-Repubblika Ċeka biex tirtira d-deċiżjoni nnotifikata tal-Ministeru tal-Industrija u tal-Kummerċ Ċek, tas-26 ta' Ottubru 2010, li tagħti eżenzjoni temporanja lir-rikorrenti mill-obbligu li tipprovdi aċċess innegozjat għal partijiet terzi għal faċilità futura ta' ħażna tal-gass taħt l-art f'Dambořice (C(2011) 4509); u

— tikkundanna lill-konvenuta tħallas ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq li l-konvenuta applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 36(9) tat-Tielet Direttiva tal-Gass [1], minflok applikat l-Artikolu 22(4) tat-Tieni Direttiva tal-Gass [2]. B'riżultat ta' dan, il-konvenuta ħarġet id-deċiżjoni ikkontestat fil-forma ta' deċiżjoni vinkolanti minflok ta' talba informali. Barra minn hekk, abbażi tal-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 36(9) tat- Tielet Direttiva tal-Gass, il-konvenuta ħarġet id-deċiżjoni ikkontesta tard, peress li skont it-Tieni Direttiva tal-Gass il-perijodu ta' żmien oriġinali jista' jiġi estiż b'xahar addizzjonali wieħed biss. B'riżultat ta' dan id-deċiżjoni kkontestata hija mingħajr ebda effett ġuridiku.

(2) It-tieni motiv, ibbażat fuq li l-konvenuta kisret l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti meta l-ewwel tat garanziji preċiżi, mingħajr kundizzjoni u konsistenti rigward meta u taħt liema ċirkostanzi d-deċiżjoni nnotifikata tal-Ministeru tal-Industrija u tal-Kummerċ Ċek issir finali, iktar tard b'mod inekwivoku kkonfermat mill-ġdid dan u mbagħad, b'mod mhux mistenni, ħarġet id-deċiżjoni kkontestata b'mod inkonsistenti mad-dikjarazzjonijiet preċedenti.

(3) It-tielet motiv, ibbażat fuq li l-konvenuta kisret it-Trattati u l-istat tad-dritt dwar l-applikazzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni kkontestata applikat dritt sostantiv żbaljat. Ir-rikorrenti ssostni li r-regoli sostantivi applikabbli, li fid-dawl tagħhom il-Kummissjoni kellha tirevedi d-deċiżjoni nnotifikata, jinsabu fl-Artikolu 22 tat-Tieni Direttiva tal-Gass. Għaldaqstant il-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' ċertezza legali u tal-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti.

(4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq li l-konvenuta wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti meta, b'mod żbaljat, irrifjutat l-ispjegazzjoni offruta mill-Ministeru tal-Industrija u tal-Kummerċ Ċek, li r-rikorrenti kienet u baqgħet ma sabitx sieħeb affidabbli u għal żmien twil skont ir-regoli tad-dritt Ċek għall-allokazzjoni tal-kapaċità ta' ħżin, applikabbli kemm fiż-żmien meta r-rikorrenti ppreżentat ir-rikors għal eżenzjoni lill-Ministeru kif ukoll attwalment.

[1] Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, p. 94).

[2] Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12 Vol. 2 p. 230

## Rikors ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2011 — Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-471/11)**

(2011/C 305/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Éditions Odile Jacob SAS (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: O. Fréget, M. Struys u L. Eskenazi, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru SG-Greffe (2011) D/C(2011) 3503 tat-13 ta' Mejju 2011, meħuda fil-Kawża COMP/M.2978 Lagardère/Natexis/VUP wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 fil-Kawża Éditions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni, u li biha l-Kummissjoni approvat għal darb'oħra Wendel bħala akkwirent tal-assi ttrasferiti skont impenji marbuta mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar 2004 li tawtorizza l-konċentrazzjoni Lagardère vs Natexis/VUP;

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq l-impossibbiltà manifesta għall-Kummissjoni li tadotta deċiżjoni ta' konfermazzjoni li tivvalida *ex post*, flimkien barra minn hekk effett retroattiv, l-approvazzjoni ta' Wendel li jakkwista fl-2004 l-assi ta' Editis. Ir-rikorenti ssostni li:

— Meta aġixxiex b'dan il-mod, mingħajr ma tislet il-konsegwenzi kollha li kienu wasslu għall-illegalità kkonstatata mill-Qorti Ġenerali, fir-rigward tan-nuqqas ta' indipendenza tal-mandatorju responsabbli milli jissorvelja l-imsemmi trasferiment, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 266 TFUE u li:

— Billi ffissat id-data ta' effett tad-deċiżjoni kkonstatata għat-30 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattivà, b'nuqqas ta' kunsiderazzjoni għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ma tawtorizzax tali effett, eċċezzjonalment, li l-kundizzjoni doppja li għan ta' interess ġenerali perentorju jeżiġih u li l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati jiġu debitament osservati. Ir-rikorrenti ssostni li dawn iż-żewġ kundizzjonijeit ma humiex osservati f'dan il-każ.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta’ bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta’ Jannar li tawtorizza l-konċertazzjoni saret inapplikabbli wara l-konstatazzjoni mill-Qorti Ġenerali tan-nuqqas ta’ osservanza ta’ ċerti impenji minn Lagardère.

(3) It-tielet u r-raba’ motivi bbażati fuq żbalji ta’ liġi u żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-kandidatura ta’ Wendel, kemm fl-2004 kif ukoll fid-deċiżjoni l-ġdid ta’ approvazzjoni, kif ukoll fuq żbalji li jirrigwardaw, minn naħa, it-teħid inkunsiderazzjoni, sabiex tiġi adottata d-deċiżjoni kkontestata, ta’ data sussegwenti t-30 ta’ Lulju 2004 u, min-naħa l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni b’mod selettiv u parzjali ta’ din id-data sussegwenti.

(4) Il-ħames motiv ibbażat fuq użu ħażin ta’ poter b’mod partikolari sa fejn, billi adottat *ex post* deċiżjoni ta’ validazzjoni retroattiva ta’ trasferiment illegali u billi approvat mandatorju ġdid responsabbli mill-inkarigu biss li jabbozza rapport ġdid li jikkonferma l-kwalitajiet ta’ Wendel bħala akkwirent tal-assi trasferiti, il-Kummissjoni biddlet l-għan tal-Artikolu 266 TFUE u tar-Regolament Nru 4064/89 [1], li kien jipprovdi, fost oħrajn, il-possibbiltà li tiġi rrevokat id-deċiżjoni ta’ awtorizzazzjoni u li jiġu ssanzjonati l-partijiet responsabbli għall-illegalità mwettqa.

(5) Is-sitt motiv ibbażat fuq nuqqas ta’ motivazzjoni peress li d-deċiżjoni kkontestata hija nieqsa kemm minn insuffiċjenza u minn kontradizzjoni ta’ motivi.

[1] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta’ Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8,Vol. 1, p. 31).

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta’ Awwissu 2011 — PASP et vs Il-Kunsill

**(Kawża T-177/11)** [1]

(2011/C 305/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 145, 14.5.2011.

# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2011 — ZZ vs Il-Kunsill

**(Kawża F-75/11)**

(2011/C 305/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal u S. Orlandi, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorrent ma jingħatax il-promozzjoni għall-grad AST 7 fil-proċedura ta' promozzjoni 2007.

### Talbiet tar-rikorrent

— Tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-18 ta' April 2011 li tirrifjuta l-ilment tar-rikorrent kontra d-deċiżjoni li ma jingħatax il-promozzjoni għall-grad AST 7 fil-proċedura ta' promozzjoni 2007;

— sa fejn huwa meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorrent ma jingħatax il-promozzjoni għall-grad AST 7 fil-proċedura ta' promozzjoni 2007;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT